# IL-BAZILKA TAL-LUNZJATA F'NAZZARETT

Hija drawwa ta' din ir-Rivista "Leħen l-Art Imqaddsa" li tagħti minn żmien għal żmien tagħrif fil-qosor tal-mixi fil-bini ta' din il-bażilka, li qiegħda tinbena sewwa sew fuq il-għar fejn Marija Ssma. ġiet imħabbra mill-Arkanġlu Gabriel li kellha



*Il-Kwadru tal-Lunzjata*

tkun Omm Alla u fejn l-Iben Waħdieni tal-Missier Etern tnissel u sar Bniedem. Billi issa ix-xogħol ta' din il-Bażilka wasal biex jintemm, nixtiequ niġbru t-tagħrif kollu li tajna ma' tul it-tnax-il sena ta' din ir-Rivista, biex hekk il-qarrejja tagħna ikollhom quddiem għajnejhom kwadru eżatt tax-xogħol kollu li sar.

L-istorja tal-bini tal-Bażilka tal-Lunzjata f'Nazzarett tibda f'Mejju 1924, L-Emm. Tiegħu l-Kardinal Oreste Giorgi kien ġie mqabbad mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XI biex, bħala Delegat tiegħu, jikkunsagra ż-żewġ Bażilki ġodda, mibnijin waħda fuq l-għolja tat-Tabor, fejn Ġesù sebbaħ lilu nnifsu quddiem it-tlitt Appostli maħbubin tiegħu, Pietru, Ġakbu u Ġovanni, u l-oħra fil-ġnien tal-Ġetsemani, fejn Ġesù għamel l-aħħar talb tiegħu qabel ma bata l-ħarxa Passjoni u Mewt. F'diskors li l-Kard. O. Giorgi kien għamel biex ifakkar il-ġrajja ta' din il-konsagrazzjoni, huwa ħabbar ix-xewqa li kien urieh l-istess Papa Piju XI li tinbena Bażilka oħra kbira fuq il-Għar tal-Lunzjata. Il-Patrijiet Franġiskni, li għandhom f'idejhom il-ħarsien tas-Santwarji tal-Palestina, laqgħu b'għożża kbira x-xewqa tal-Papa, u, għalkemm kienu neqsin mill-flus, talbu lill-Perit Antonju Barluzzi, taljan, li kien diġa għamel il-pjanti taż-żewġ Bażilki fuq imsemmija, biex iħażżeż huwa ukoll il-mudell tal-Bażilka l-ġdida. Għal min ma jafux, il-Perit Antonju Barluzzi, wara grazzja kbira li kien qala' ma' tul żjara li kien għamel fil-Palestina, qata' li jibqa' igħix hemmhekk biex saħħtu u ħiltu jaħlihom għall-ġid ta' l-Art Imqaddsa. Ta' perit kbir li kien, imħeġġeġ mhux biss mill-imħabba ta' l-arti, iżda wkoll minn fidi tassew kbira, Anton Barluzzi għamel mudell ta' Bażilka li kien tassew jixraq lil dan il-kbir misteru tal-Annunzjazzjoni. Il-pjanta ntbagħtet Ruma għall-approvazzjoni.

Fl-1939 faqqgħet it-tieni gwerra dinjija, u l-proġett tal-bini tal-Bażil-

ka tmewwet għal kollox. Wara li ntemmet din it-tieni gwerra, bdiet il-ġlieda bejn l-Għarab tal-Palestina u l-Lhud, li riedu jibnu fl-Art Imqaddsa Stat Sijonistku, kif kienu ġew im-wiegħda mill-Allijati kemm-il-darba jidħlu sħab u jagħtu sehemhom fil-gwerra. Waslet is-sena 1954, is-sena li ġiet iddikjarata bħala sena tal-Madonna mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII. F'Mejju ta' din is-sena r-Revmu. P. Ġaċint Faccio, Kostudju ta' l-Art Imqaddsa, xandar mad-dinja din l-aħbar: "Ferħana nħabbrul-kom id-deċiżżjoni tal-Venerandu Dis-kretorju ta' l-Art Imqaddsa li jagħti bidu għax-xogħlijiet tal-bini tal-Bażil-ka l-ġdida tal-Lunzjata f'Nazzarett". Iva, dalwaqt l-isbaħ u l-akbar bażil-ka tiġi biex tingħaqad mas-Santwar-ji artistiċi, mal-knejjes miġbura, mal-kappelli li l-Franġiskani, ħarriesa tat-teżori tal-fidi nisranija fl-Art Im-qaddsa, għarfu jibnu b'ħeġġa li jixir-qilha kull tifħir, imqawwijin biss mit-tama li huma għandhom fil-Prov-videnza t'Alla...".

U f'dik is-sena marjana, l-Beati-tudni Tiegħu Mons. Albertu Gori, Patrijarka Franġiskan għall-Insara Latini ta' l-Art Imqaddsa, mgħejjun mir-Revmu P. Kustodju, poġġa b'sollennità tassew kbira u fost il-ferħ ta' kollha kemm huma l-insara, l-ewwel ġebla tal-Bażilka. Il-mudell issa ma hux aktar tal-Perit Ant. Barluzzi, li minħabba kritika qawwija ta' l-ewwel proġett, ma ġiex approvat, iżda ta' Perit ieħor taljan, il-Prof. Ġovanni Muzio ta' Milan.

Il-proġett il-ġdid huwa msejjes fuq żewġ Knejjes fuq xulxin: dik ta' taħt, jew l-hekk imsejħa kripta, li tlaħħaq sewwa sew fl-għoli tagħha mat-tliet Bażilki l-qodma li kien hemm qabel din li qed tinbena, u l-Knisja ta' fuq.

Il-Knisja ta' taħt il-kripta, għand-ha bħala għan il-ħarsien tal-għar fejn ġiet imħabbra Marija Ssma. u l-fdal tal-knejjes ta' qabel (pre-biżantina, biżantina u kruċjata), li huma argument qawwi għal dik li hi tradizzjoni tal-post fejn ġiet imħab-bra l-Madonna. Is-saqaf ta' din il-knisja hu miftuħ fin-nofs f'għamla ta' kewkba kbira, li tifforma l-pavi-ment tal-Knisja ta' fuq.

Il-Knisja ta' fuq sejra sservi: i) biex fiha jiġu ċċelebrati b'sollen-nita' kbira l-festi ta' ma' tul is-sena; u ii) biex issir il-ħidma pastorali tal-Parroċċa tal-kommunita' Kattolika ta' Nazzarett. Ma' dwar il-Bażilka sa jkun hemm misraħ kbir li jifred il-bini tal-Bażilka minn kollu kemm hu l-bini l-ieħor ta' ma' dwarha.

Minn dak inhar tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla sal-lum, ix-xogħol tal-bini tal-Bażilka ma waqafx. Il-Provvi-denza ħanina t'Alla l-Imbierek għe-net dejjem spiritwalment u materjal-mentl il min qed imexxi x-xogħol kbir tal-Bażilka. Fiha ħadmu u qed jaħdmu għadd kbir ta' nies, u huma ta' kull ġens, u ta' kull din. Mhux biss Għarab u Lhud, iżda ukoll Arme-ni, Taljani, Griegi. Ir-reliġjon tal-ħaddiema hija mħallta. Imma l-għan huwa wieħed: kullħadd qed jaħdem fid-dar ta' l-Omm Twajba, kulħadd qed jaħdem fid-dar tal-Madonna. U x-xogħol li sar ma kienx xogħol żgħir. Se niġbru fil-qosor ix-xejra ta' dan ix-xogħol biex nistgħu nagħtu ħjiel ċar lill-qarrejja tagħna,

*Il- ftehim ma' l-awtoritajiet tal-pajjiż.* Is-Santwarji tal-palestina jin-sabu f'pajjiżi, tista' tgħid, Għarab u Lhud. Ir-reliġjon uffiċċjali mhix dik tagħna il-Kattolki. Biex tibni knisja biex issewwi knisja, biex iċċaqlaq

ġebla trid ħafna permessi. F'Nazzarett sejra tinbena bażilka kbira, forsi l-akbar waħda li hemm fl-Art Imqaddsa. Mhux biss irid jingħoġob il-mudell, imma jrid jitħares il-pjan regolatur tal-belt ta' Nazzarett. Bl-għajnuna t'Alla, wara ħafna ġiri 'l hawn u 'l hemm, intlaħaq ftehim fuq il-proġett tal-Bażilka.

*Il-ftehim mal-Unions tal-ħaddiema.* Ħafna xogħol ma setax isir mill-ħaddiema tal-post. Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa xtaqet li tħaddem l-aktar l-Insara, biex tkun tista' tgħinhom



*Il-Bażilka tal-Lunzjata*

finanzjarjament: riedet ukoll li jkunu min ikunu l-ħaddiema, li ma jsirx xogħol nhar ta' Ħadd. U dan il-ftehim intlaħaq ukoll għax kien hemm rieda tajba miż-żewġ naħat.

*Il-ftehim fuq il-flus.* Kif sejrin joħorġu mill-pajjiżi fejn kienu qegħdin jinġabru, u kif sejrin jidħlu fil-Palestina, u bliema kambju kienu sejrin jiġu mibdulin. Wara taħdidiet fit-tul, saru l-arranġamenti kollha meħtieġa, u ma nqala' ebda inċident.

*L-għażla tal-Periti.* Bħala Perit barrani, Ġovanni Muzio ma setax imexxi hu persunalment il-bini. Kellu jintagħżel rappresentant tiegħu minn Israel, il-Perit Lhudi I. M. Lewkovic. Miegħu ħadem u qed jaħdem il-Perit Franġiskan P. Beneditt Antoniucci. Dan biex ma nsemmux ħlief tnejn mill-periti li mexxew b'għaqal u b'sengħa x-xogħol li sar s'issa fil-Bażilka.

*Ix-Xogħol materjali.* Ġiet imneħħija kwantita' kbira ta' mazkan u ta' ġebel li nġabar mill-ħatt ta' bini ta' ħafna djar qodma u ta' ħitan li kienu jagħmlu sehem mill-knejjes qodma li nbnew ma' tul iż-żmien fuq l-għar tal-Madonna. Twettew għoljiet li flokhom kellhom jintefgħu s-sisien tal-Bażilka l-ġdida. Ġew mirfuda kwantita' kbira ta' ħitan li minħabba l-importanza storika u arkeoloġika tagħhom ma setgħux jiġu mgħottija. Ġew mirduma ħafna ħofor kbar li kienu tħaffru biex isiru l-iskavi arkeoloġiki li setgħu kellhom x'importanza storika, u li issa ma kienx hemm iktar bżonnhom.

*Fl-aħħarnett ix-xogħol tal-bini.* Għal min għandu l-iċken idea tax-xogħol tal-bini, jaf x'jġib miegħu dan ix-xogħol. Issa tridu tqisu li Bażilka tad-daqs li qed tinbena f'Nazzarett, mhux xi bini ċkejken. B'rieda ta' l-azzar, il-periti ġagħlu lin-nies jaħdmu tassew bil-għaqal, hekk li xejn ma ntrema u xejn ma ntilef ma' tul il-jiem tax-xogħol. Issa l-bini tal-Bażilka tlesta. Fit-2 ta' Lulju li għadda, festa taż-Żjara tal-Madonna lil S. Eliżabetta, kien imtella' fuq il-quċċata tal-koppla, li hija għolja madwar 63 jarda, is-Salib kbir indurat. Din il-biċċa xogħol kellha diffikultajiet kbar. Is-Salib hu tqil, il-koppla hi għolja, il-bini tal-knisja wiesa' ħafna, hekk li ma setgħet tintuża ebda biċċa għodda moderna biex jittella' hemm fuq. Imma b'sabar tal-għaġeb, is-Salib tqiegħed fuq il-quċċata, u meta kien f'postu deher bħala ħolqa tal-għaġeb li tgħaqqad il-maesta' kollha tal-koppla. Wieħed ma jridx jinsa li l-koppla ma kenitx mibnija kif sa issa nbnew, tista' tgħid il-koppli kollha ta' kull bini tad-dinja; imma ntuża sistema għal kollox ġdid. Il-koppla nbniet isfel biċċa biċċa, imbagħad ittellgħet u tqiegħdet f'postha. Kif tlestiet ġiet miksija kollha kemm hi bir-ram.

Fuq il-frontispizju tqiegħdet statwa kbira tal-"Pieta", xogħol sabiħ ta' l-iskultur taljan Galvanoni. Fil-faċċata tqiegħdu erba' evanġelisti u bejniethom żewġ bassorilievi li jirrappresentaw lill-Arkanglu Gabriel u lill-Madonna. Il-koxox tal-bibien ewlenija ġew miksija bi granit aħmar ta' Franza, wara li ġew skolpiti mill-magħruf skultur taljan Turelli fuq mudell tal-Prof. Maiocchi. Il-paviment ta' l-irħam qiegħed f'postu wkoll. Ma' dwaru tpoġġiet kanċellata tal-ħadid li tifred il-knisja ta' fuq minn dik tal-kripta. Jonqos biss il-ħġieġ istorjat tat-twieqi, li qegħdin jinħadmu mill-kbira artista awstrijaka Lydia Roppolt.

Hekk ix-xogħol li ġie ppreżentat bħala sempliċi xewqa fl-1924 u li għadda minn tant ġrajjiet ta' niket, biki u sagrifiċċji ntemm. Jonqos biss li tiġi mxandra d-data meta rappreżentant ieħor tal-Qdusija Tiegħu l-Papa jmur Nazzarett biex jikkonsagra 'l Alla din il-Bażilka famuża u jiddedikaha lil wieħed mill-aqwa misteri tar-Reliġjon tagħna: IL-MISTERU TAL-LUNZJATA, J'alla ma jdumx ma jasal dak il-jum biex hekk il-pellegrini li jmorru Nazzarett biex iżuru l-għar tal-Madonna, isaħħu l-fidi f'dan il-misteru u jibqgħu edifikati bix-xogħol kbir li qegħdin jagħmlu l-Franġiskani ġewwa l-Art Imqaddsa.

*P. Lett MIKIEL CATANIA, O.F.M.*

# DRIEGĦ IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-ĠENS LHUDI

2. *Il-profeta Elija u alla tal-frugħa Baal.*

Ulied Israel, kif kien amrilhom is-sultan Akab, inġemgħu fuq l-għolja tal-Karmelu, u magħhom marru wkoll erba' mija u ħamsin qassis ta' Baal u erba' mija oħra ta' l-allat tal-frugħa; u kif rahom miġburin quddiemu, Elija beda jċanfarhom u jgħidilhom:

"Kemm fi ħsiebkom tibqgħu u la 'l hawn u anqas 'l hinn? Jekk il-Mulej hu tassew Alla, imxu biss warajh; imma, jekk temmnu f'Baal, żommu miegħu. Fostkom ilkoll, jien waħdi hu l-profeta tal-Mulej waqt li l-qassisin ta' Baal, jintgħaddu bil-mijiet. Nagħżlu issa żewġt igniedes, noqtluhom, u intkom qiegħdu fuq il-ħatab bla ma tqabbdu in-nar, u jien inqiegħed l-ieħor fuq il-ħatab, bla ma nkebbes in-nar; u intkom titolbu 'l Alla tagħkom iniżżel nar mis-sema fuq il-ħatab, u jien nitlob 'l Alla tiegħi jniżżel in-nar mis-sema, u dak fosthom li jibgħat in-nar, dak hu tassew Alla". U din għoġbot lil kulħadd.

U l-Qassisin ta' Baal qabdu l-gendus li tahom il-profeta Elija, u fil-ħin qatluh u xeħtuh fuq tagħmira ħatab bla ma qabbdu n-nar, u baqgħu, sa x-xemx għoliet, isallu dejjem: "Iddew, Baal, iddew ismagħna!" Iżda, ħadd ma weġibhom, u qatgħu jesħom u qabżu fuq dak l-artal, kif kienet id-drawwa tagħhom. Fil-waqt Elija qagħad jiddieħak bihom u jtennilhom: "Għajtu aktar bil-qawwi, għandu mnejn dan alla tagħkom qiegħed jitħadded, jew qiegħed jixrob, jew imsiefer, jew rieqed!" Issa billi? Inħanqu bl-għajjat u tbiċċru bix-xfafar tas-skieken u mtlew biddmija, imma l-allat tagħhom ma semgħux leħenhom, u ebda aħbar ma waslitilhom mis-sema.

Wasal imbagħad ħin il-profeta Elija biex Alla jurih li laqa' l-bħur tiegħu, u l-profeta qal lil dik il-miġemgħa nies li kellu quddiemu: "Isaw, ersqu 'l hawn, biex issa taraw b'għajnejkom u tmissu b'idejkom is-setgħa ta' dak Alla li għandkom tqimu". U Elija ġarr tnax-il ġebla, daqs kemm kienu l-ġnus ta' ulied dak Ġakobb, li Alla kien kellmu, u qallu: "Ismek ikun Israeli". B'dawk it-tnax-il ġebla, Elija fl-isem t'Alla